**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Mejju 2017**

**Talba Nru: 212/15 CZ**

**GO plc (C 22334)**

**vs.**

**Mario Sammut**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-18 ta' Marzu 2015 u li permezz taghha premettiet:

Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn u erbgha u sittin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2064.24) in konnessjoni mas-servizzi ta' telefonija bin-numri 21350053 gia' 330053 u 21384880 gia' 344880 (AC 10081585).

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra illi permezz ta' risposta prezentata fil-15 t'April 2015 il-konvenut eccepixxa:

1. Preliminarjament it-talba tas-socjeta' attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi l-esponent mhuwiex il-legittimu kontradittur tas-socjeta' attrici u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. L-akkont li dwaru qed jintalab il-hlas mhux intestat f'isem l-eccipjenti personalment izda f'isem 'Hotel Alfonso', u jekk semmai sar xi uzu min-numri tat-telefon indikati mis-socjeta' attrici, it-talba ghall-istess hlas ghandha tkun diretta kontra dawk il-persuna/socjetajiet li ghamlu uzu mill-istess.
3. Illi s-servizzi li taghhom qieghed jintalab il-hlas kienu jservu l-fond bl-isem 'Hotel Alfonso' liema fond huwa propjeta' tas-socjeta' Alfonso Limited (C 6617). Ghalhekk l-istess socjeta' ghandha tigi kjamata f'dina l-kawza biex twiegeb ghat-talba tas-socjeta' attrici.
4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kull eventwalita', is-socjeta' attrici trid tipprova kull somma pretiza permezz ta' din il-kawza.

5. Illi fl-ahhar nett, l-intempestivita’ ta’ dina l-kiawza, billi l-esponent qatt ma gie interpellat, ta’ lanqas verbalment, sabiex ihallas dak mitlub permezz ta’ din il-kawza.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawza fejn is-socjeta’ attrici qed titlob hlas ta’ elfejn u erbgha u sittin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2064.24) in konnessjoni mas-servizzi ta’ telefonija bin-numri 21350053 gia’ 330053 u 21384880 gia’ 384880 (AC 10081585).

Illi dan id-dejn gie konfermat dovut bil-gurament minn Charmaine Psaila Raji, in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici, li pprezentat ukoll dokument, u qalet li ma tafx min ghamel il-hlasijiet fizici fil-kont in kwestjoni.

Illi xehed ukoll il-konvenut li qal li mill-elf disa’ mija sitta u tmenin (1986) kien Manager ta’ Hotel Alfonso li tinsab fi Triq il-Qali, San Giljan. Kien ukoll Direttur ta’ Alfonso Limited. Alfonso Limited hija s-sid ta’ Hotel Alfonso. Fl-elf disa’ mija sebgha u disghin (1997) ma baqax impjegat tal-Hotel Alfonso u fl-erbatax (14) ta’ Dicembru tal-elfejn (2000) ma baqax Direttur ta’ Alfonso Limited. Il-lukanda Alfonso kienet inbieghet, kienet inbieghet lil terzi persuni, giet prezentata l-Form ‘K’ relattiva u kienu qabbdu bhala Diretturi jew biex imexxu l-kumpanija ta’ Awdituri li kienet ghalqet il-kontijiet sa

dik id-data ta' Hotel Alfonso, Alfonso Limited. Il-ftehim max-xerrejja kien li dak kollu li kien hemm bhala responsabilitajiet qabel id-data tal-erbatax (14) ta' Dicembru tas-sena elfejn (2000) dan ikunu responsabbli ghalih l-attur, izda dak kollu ta' wara kellhom ihalluh bhala responsabilta' ghax-xerrejja l-godda. Dan jirrizulta mill-kuntratt tal-bejgh tal-kumpanija. Mistoqsi in kontro-ezami ta' min hi l-firma fuq dokumenti fol 5 u fol 6 tal-process qal li hija tieghu.

Illi xehed ukoll Ray Mercieca illi xehed dwar il-perjodu tranzitorju bejn meta l-hotel kienet ghada mmexxija mill-konvenut u kollegi tieghu, sakemm imbaghad irrizenjaw u kien hemm diretturi godda. Qal li l-kedituri kollha fil-punt meta sar it-trasferiment kellhom jithallsu mill-azzjonisti ta' qabel, li fil-fatt sar.

Illi t-Tribunal ikkonsidra illi l-kuntratt originali tad-19 ta' Marzu 1986 kien sar mal-konvenut, u ghalkemm tissemma Hotel Alfonso, din mhu qed issir b'referenza ghal ebda persuna guridika li hija distinta mill-konvenut; u ghaldaqstant, f'dak li ghandu x'jaqsam il-legittima kontradittorjeta', huwa l-konvenut li ghandu jwiegeb[1]. Kull arrangament li ghamel ma' haddiehor biex jithallas id-dejn kollu, inkluz dak odjern, ma jorbotx lil dan it-Tribunal.

Illi ghandu jinghad ukoll illi l-konvenut eccepixxa l-prekrizzjoni, izda t-Tribunal ikkonsidra li baqghu isiru pagamenti akkont, fosthom fis-27 ta' Mejju 2010, li permezz taghhom il-preskrizzjoni giet interrotta, u ghalhekk lanqas din l-eccezzjoni ma tista' tirnexxi.

[1] Ara wkoll Maltacom plc vs. Angelo Abela et – Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) per Onor. Imhallef Philip Sciberras – 18 t'Ottubru 2006

Illi kwantu ghat-tielet eccezzjoni, fis-sens li ghandha tissejjah fil-kawza Alfonso Limited, din is-sejha fil-kawza ma sehhitx, u ghalhekk it-Tribunal mhux ha jiehu konjizzjoni taghha.

Illi kwantu ghar-raba' eccezzjoni, dik fis-sens li s-socjeta' attrici trid tipprova dak minnha pretiz, ghandu jinghad illi s-socjeta' attrici prezentat rendikont ta' dak dovut, debitament mahluf, u fl-istess waqt il-konvenut ma kkontestax li s-socjeta' attrici tat is-servizzi kif indikati.

**Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn u erbgha u sittin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€2064.24), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez jithallsu kollha mill-konvenut.**

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur